**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Dicembru 2018**

**Talba Nru: 530/18 CZ**

**Nutar Pierre Cassar**

**vs.**

**Philipp Sighardus Aegler**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fit-8 ta' Novembru 2018 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' mija u erbgha u sebghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€174.72), u dan peress illi l-konvenut huwa debitur tieghu u dan wara li l-konvenut naqas li jhallas is-subcens ghas-snin 2014 sa 2018 u naqas li jhallas il-lawdemju. L-ammont huwa dovut skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Annalise Micallef datat 10 ta' Jannar 2014 in konnessjoni mal-fond 273, Zabbar Road, Fgura.

Illi minkejja li gie interpellat diversi drabi l-intimat naqas li jhallas dak dovut minnu.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut biex ihallas Euro 174.72 rapprezentanti subcens kif fuq spjegat inkluz l-imghax legali u l-ispejjez.

Illi l-konvenut huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali mibghuta lill-konvenut.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u erbgha u sebghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€174.72) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur